Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,063, 2 ta' Ġunju, 2023

Taqsima B

A.L. 115 tal-2023

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluży

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7(2), 8(1) u 20(1) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluży u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluży, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 439.19.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 10 tar-regolamenti priniċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Eċċezzjonijiet fejn annimali perikoluży jistgħu jidħlu fil-pajjiż.

10A. Annimali elenkati fl-Iskeda B jistgħu jintużaw għal wirjiet ċinematiċi bħala props jew extras fit-territorju ta' Malta diment li:

(a) l-annimali jidħlu fil-pajjiż skont l-artikolu 23 tal-Att:

(b) l-annimali perikoluży kollha li jkunu qegħdin jieħdu sehem waqt l-iffilmjar għandhom jiġu identifikati b'mezz permanenti ta' identifikazzjoni, jew kif meqjus l-aktar xieraq mid-Direttur;

(ċ) dawn l-annimali jistgħu jidħlu fil-pajjiż biss għal perjodu temporanju ta' żmien, kif meħtieġ għall-ġbid tal-film li fi kwalunkwe każ ma jistax ikun itwal minn tliet (3) xhur;

(d) kull annimal perikoluż li jidħol fil-pajjiż għandu jkun akkumpanjat minn persuna fiżika li tkun il-punt ta' kuntatt u l-persuna responsabbli għal dawk l-annimali. Hi għandha tkun ikkunsidrata wkoll bħala l-indokratur ta' dawn l-annimali;

Verżjoni Elettronika

(e) l-annimali li jidħlu fil-pajjiż għandhom ikunu fi stat ta' saħħa tajba u li jkunu f'kundizzjoni tajba sabiex jistgħu jivvjaġġaw:

Iżda jridu jkunu wkoll f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ;

(f) kwalunkwe annimal li jmut matul iż-żmien li jkun f'Malta, għandu jitneħħa skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali);

(g) jekk kwalunkwe annimal iwelled frieħ matul iż-żjara tiegħu f'Malta, il-frieħ għandhom jirritornaw fil-pajjiż tal-oriġini tal-annimal li wellidhom u ma għandhomx jibqgħu fit-territorju ta' Malta;

(h) is-sit fejn għandu jinżamm l-annimal għandu jiġi approvat qabel id-dħul tiegħu f'Malta u din l-akkomodazzjoni għandha tkun konformi mal-istandards minimi għal dik l-ispeċi;

(i) kwalunkwe annimal li jkun qiegħed jintuża għall-iffilmjar jista' joħroġ mill-akkomodazzjoni approvata ta' dak l-annimal u jinżamm f'għeluq mobbli aktar ristrett għat-trasport tal-istess annimal lejn is-sett tal-iffilmjar. Il-handler jew l-indokratur maħtur ta' dak l-annimal biss jista' jakkumpanjah;

(j) applikazzjoni għandha tiġi sottomessa lis-Servizzi Veterinarji qabel id-dħul intiż tal-annimali fil-pajjiż. L-approvazzjoni tista' tingħata biss bla ħsara għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Att u fl-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

Kap. 437.

Verżjoni Elettronika

(k) id-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji jista' jistabbilixxi kundizzjonijiet oħra li għandhom jitqiesu neċessarji qabel ma dawn l-annimali jingiebu f'Malta;

(l) il-persuni kollha li għandhom ikunu f'kuntatt mal-annimali perikoluż matul l-iffilmjar għandhom ikunu mgħarrfa bil-perikli li dawn l-annimali jistgħu joħolqulhom. Dan jirreferi għall-periklu fiżiku li jista' jiġi kkawżat minn dawn l-annimali, kif ukoll għall-possibbiltà ta' trasmissjoni ta' ċertu mard infettiv;

(m) hu meħtieġ li fuq is-set tal-films ikun hemm arma jew għodda li tista' twaqqaf dak l-annimal kieku kellu jsir feroċi, isir inkontrollabbli jew ta' theddida għal kwalunkwe bniedem fil-viċinanzi. Għalhekk għandu jkun hemm handler li kapaċi jimmaniġġa l-arma jew l-għodda. Il-qtil tal-annimal jista' jkun iġġustifikat f'dawk iċ-ċirkostanzi.".